# Kunsill Lokali Marsaskala

228, Triq is-Salini, Marsaskala
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt


Minuti tal-kontinwazzjoni tal-laqgħa Nru : 5 li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala nhar **il-Hamis 26 ta' Novembru 2009 fis-6.30p.m.**

# It-Tielet Seduta

| Preżenti | Membri |
|---|---|
| **Is-Sindku** | Is-Sur Mario Calleja |
| **Il-Vici Sindku** | Is-Sur Charlot Mifsud |
| **Il-Kunsilliera** | Is-Sur John Baptist Camilleri<br>Is-Sinjura Carmen Fearne<br>Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sur George Farrugia (*Ħareġ fis-6.55pm.*)<br>Is-Sur Jesmond Mugliett<br>Is-Sur Daniel Spiteri<br>Is-Sur Sandro Gatt |
| **Is-Segretarju Eżekuttiv** | Is-Sur Joseph Caruana |

## Aġenda

1. Jinqraw u jiġu kkunsidrati l-Minuti.
2. Wara konsiderazzjoni, biex jiġi approvat li s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv jiffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.
3. Mozzjonijiet.
4. Mistoqsijiet.
5. Rapport tal-Awditur.
6. Awtoriżazzjoni tal-Ħlasijiet.
7. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq iressaq quddiem il-Kunsill.
8. Aġġornament.


Mayor
Mario Calleja

Deputy Mayor
Charlot Mifsud

Councillors
John Baptist Camilleri
Carmen Fearne
Lawrence Ciantar
George Farrugia
Sandro Gatt
Jesmond Mugliett
Daniel Spiteri

Executive Secretary
Joseph Caruana

- Intalbu s-sospenzjoni tar-regolamenti

1.0 ***<u>Mistoqsijiet:</u>***

1.1 ***<u>Mistoqsija numru 3 mressqa mill-Kunsillier, is-Sur Sandro Gatt:</u>***

"Jistaqsi, f'hiex wasal il-proċess mal-Perit rigward il-*culvert* ta' Triq il-Baħrija quddiem ir-residenza 'Tikans'?"

***<u>Risposta :</u>***

Il-Perit tal-Kunsill bagħat is-surveyors biex jagħmlu *spot level survey* fejn fuq il-pjanti ġie ndikat li l-livelli huma tajbin. Għaldaqstant biex jiġi determinat jekk hemmx għadajjar trid issir laqgħa fuq il-post ftit wara li tgħamel ix-xita.

1.1.1 *Sar qbil unanimu li s-Sur Sandro Gatt jiltaqa mal-Perit Aaron Abela.*

1.2 ***<u>Mistoqsija numru 4 mressqa mill-Kunsillier, is-Sur Sandro Gatt :</u>***

"Jistaqsi, f'hiex wasal il-proċess mal-Perit sabiex insolvu l-problema tal-ilmijiet li żżomm Triq il-Qrempuċ quddiem ir-residenza b'isem 'Angelique' ?"

***<u>Risposta :</u>***

Fil-mument qed isir *survey* u fi ftit ġranet oħra għandu jkollna r-riżultat biex jiġi determinat jekk ikunx hemm għadajjar.

- ***Il-Kunsillier is-Sur George Farrugia ħareġ fis-6.55pm***.

1.2.1 *Sar qbil li nistaqsu lill-Perit biex ittina xi żvilupp sar fuq dawn il-punti.*

1.3 ***<u>Mistoqsija numru 5 mressqa mill-Kunsillier, is-Sur Sandro Gatt :</u>***

"Jistaqsi, f'hiex wasal il-proċess tal-*isleeping police* fi Triq La Sengle fejn il-Mużew?"

***<u>Risposta :</u>***

Għadna qed nistennew l-approvazzjoni tal-ADT.

1.3.1 *Il-Vici Sindku, s-Sur Charlot Mifsud qal li jekk diġa għandna permess allura naqbdu u nagħmluha.*

1.4 ***<u>Mistoqsija numru 6 mressqa mill-Kunsillier, is-Sur Sandro Gatt :</u>***

"Jistaqsi, f'hiex wasal il-proċess tad-diviżorji għall-parkeġġ ta' Triq l-Għaġuża?"

***<u>Risposta :</u>***

Il-*Works Order* ħarġet wara li ġie ffirmat il-kuntratt mal-Koptasin.

1.4.1 *Ġie rimarkat li x-xogħol hu diġa lest.*

## 2.0 *Ħlasijiet :*

### 2.1 Ħlasijiet b'urġenza :

Ġiet preżentata lista ta' kontijiet b'urġenza, għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

| | *PAGAMENTI* | *Contracts* | *Invoice Date* | *Inv No.* | *€* |
|---|---|---|---|---|---|
| 1. | **Ms. Claire Attard** | Support Service Clerk October 09 | 30/10/09 | | 693.00 |
| 2. | **Ms. Chantel Zammit** | Support Service Clerk October 09 | 30/10/09 | | 1,102.00 |
| 3. | **Maltapost p.l.c** | 500 Stamps | 26/10/09 | | 95.00 |
| 4. | **Selves** | Petty Cash Oct 09 | 29/10/09 | | 195.89 |
| 5. | **Segretarju Permanenti OPM** | Advert | 4/11/09 | | 22.20 |
| 6. | **The Malta Hospice Movement** | 200 Christmas Cards | 5/11/09 | | 100.00 |
| 7. | **Untours Insurance Agency Ltd.** | Van Licence | 9/11/09 | | 185.00 |
| 8. | **Segretarju Permanenti OPM (ITSD)** | Tenders Advert | 12/11/09 | | 50.00 |
| 9. | **Sierra Book Distributors** | Ktieb – X'Irrid | 12/11/09 | | 6.80 |
| 10. | **Lourdes Service Station** | Diesal for Van | 16/11/09 | | 30.00 |
| 11. | **DOI** | Tender Advert | 13/11/09 | | 9.32 |
| 12. | **Ms.Chantel Zammit** | Support Service Clerk November 09 | 27/11/09 | CZ-018 | 1,058.50 |
| 13. | **Klabb Kotba Maltin** | Book – martina @chat .com | 18/11/09 | | 5.00 |
| 14. | **Mrs.Claire Attard** | Support Service Clerk November 09 | 27/11/09 | CA-018 | 669.00 |

Il-Kunsill approva unanimanet

### 2.2 Ħlasijiet bi kreditu :

Ġiet preżentata lista ta' kontijiet bi kreditu biex jiġu approvati għall-pagamenti.

| | *PAGAMENTI* | *Contracts* | *Invoice Date* | *Inv No* | *€* |
|---|---|---|---|---|---|
| 1. | **Mr.Joseph Barbara (M.W)** | Activity in Marsaskala week | 30/10/09 | | 250.00 |
| 2. | **Chiara Entrainment Services (M.W)** | Singing in Marsaskala Week | | | 150.00 |
| 3. | **Graphics** | Newspapers | 9/11/09 | 59806 | 174.52 |
| 4. | **S & R Handaq** | Road Paint | 4/11/09 | 14,339 | 164.73 |
| 5. | **Go plc** | Telephone Bill 21637744 | 04/11/09 | 22760339 | 24.90 |
| 6. | **Go plc** | Telephone bill 21632861,21633887,2163711 | 04/11/09 | 22760337 | 220.17 |
| 7. | **Golden Gate** | Stationery | 03/11/09 | 336744 | 200.16 |
| 8. | **Golden Gate** | Credit note | 29/09/09 | | -(12.36) |
| 9. | **Koperattiva Tabelli u Sinjali** | Road Marking | 19/10/09 | 12089 | 877.01 |
| 10. | **Koperattiva Tabelli u Sinjali** | Traffic Signs | 26/10/09 | 12054 | 297.73 |
| 11. | **Koperattiva Tabelli u Sinjali** | Mirror | 5/11/2009 | 12125 | 109.25 |
| 12. | **Accountant, Cleansing Services Department** | Public Conveniences | 3/11/09 | MLC/09/10 0504 | 655.15 |
| | | | | | |

| | PAGAMENTI | Contracts | Invoice Date | Inv No | € |
|---|---|---|---|---|---|
| 13. | **Advanced Telecommunications** | Photocopier Service | 03/11/09 | | 17.70 |
| 14. | **Advanced Telecommunications** | Switch fault | 10/11/2009 | | 100.30 |
| 15. | **J & A General Operations Ltd** | Trip from Marsaskala to Mellieha torri | 25/10/09 | J276 | 50.00 |
| 16. | **J&A General Operations Ltd** | Trip from Metropole Hotel to Marsaskala LC | 18/10/09 | J239 | 85.00 |
| 17. | **J&A General Operations Ltd** | Trip from Marsaskala to Buskett | 15/11/09 | J391 | 116.70 |
| 18. | **Retina Telecommunications** | Telephone Set | 02/11/09 | 59432 | 41.09 |
| 19. | **Mrs.A.Sant** | Librarian | Oct 09 | | 106.21 |
| 20. | **Med Design Associates** | Professional Fees | 28/10/09 | 3003082 | 110.78 |
| 21. | **Med Design Associates** | Professional Fees | 28/10/09 | 3003084 | 33.03 |
| 22. | **Med Design Associates** | Professional Fees | 16/11/09 | 30003166 | 50.00 |
| 23. | **Med Design Associates** | Professional Fees | 23/11/09 | 30003197 | 110.00 |
| 24. | **Mr.Daniel Spiteri** | Refund of Expenses | 10/11/09 | | 22.65 |
| 25. | **Bitmac (Works) Ltd** | Instant bags Road Repair | 31/10/09 | 11463 | 192.34 |
| 26. | **Mr.Charlot Mifsud** | Refund of Expenses | 10/11/09 | | 25.65 |
| 27. | **Mr.Charlot Mifsud** | Fuel Expenses | Nov 2009 | | 49.56 |
| 28. | **Mr.Charlot Mifsud** | Fuel Expenses | October 09 | | 25.20 |
| 29. | **Mobisle Communications Ltd** | Mobile Calls | 05/11/09 | RB-341470-2009 | 645.14 |
| 30. | **Stainless Steel Structures** | Repair on Caterpillar | 9/11/09 | 61 | 70.80 |
| 31. | **Stainless Steel Structures** | Repair on swing | 12/11/09 | 62 | 247.80 |
| 32. | **Stainless Steel Structures** | Repair and cleaning of culvert | 13/11/09 | 65 | 466.10 |
| 33. | **Stainless Steel Structures** | Railing Triq Sant'Anna | 17/11/09 | 68 | 312.70 |
| 34. | **Stainless Steel Structures** | Repair of horse | 17/11/09 | 67 | 94.40 |
| 35. | **Toni's Wine & Spirit** | Beverages | 17/11/09 | 60172999 | 86.45 |
| 36. | **Jon David** | IPSL uniforms | 13/11/09 | 1195101 | 214.71 |
| 37. | **Kumitat Kongunt Kunsilli Lokali** | Wardens – October 09 | 07/11/09 | JC-007/MSA | 4,770.25 |
| 38. | **TCTC Training** | Learn IT | 10/11/09 | 290134 | 1,100.00 |
| 39. | **TCTC Training** | Distribution of leaflets | 10/11/09 | 290135 | 213.90 |
| 40 | **Oasis Ironmongery** | Consumables | 12/11/09 | | 99.11 |
| 41. ◆ | **Mr. Ronald Bezzina** | Bulky Refuse | 30/10/09 | 1 | 1,658.70 |
| 42. | **Mr.Ronald Bezzina** | Work Extra | 30/10/09 | 27 | 80.00 |
| 43. | **Mandy Pellicano** | Carnival Show & Marsaskala Week | | | 215.00 |
| 44. | **Mr. Adrian Sciberras** | Accountant | 8/11/09 | AS46-2009 | 345.92 |
| 45. | **Polidano Press Ltd** | Youth Mass leaflets | 31/10/09 | 91680 | 162.75 |
| 46. | **MITA** | Email accounts | 19/11/09 | LMSC05 | 29.05 |
| 47. | **Gilbert Ironmongery** | Consumables | 10/11/09 | 011330 | 129.43 |
| 48. | **Joe Fava** | Gozo expenses | | | 4.65 |

| | PAGAMENTI | Contracts | Invoice Date | Inv No | € |
|---|---|---|---|---|---|
| 49. ◆ | **Nexos** | Street Lighting | 20/11/09 | 944 | 792.38 |
| 50. ◆ | **Nexos** | Street Lighting | 20/11/09 | 943 | 1,214.76 |
| 51. | **John B Camilleri** | Fuel Expenses | Sept 09 | | 21.84 |
| 52. | **John B.Camilleri** | Fuel Expenses | Oct 09 | | 69.47 |
| 53. | **John B. Camilleri** | CVA | 01/11/09 | 24939 | 0.82 |
| 54. | **Vodafone** | Mobile calls | 01/11/09 | 1747378112 009 | 28.19 |
| 55. | **Hempel Ltd** | Paint | 18/11/09 | 101029 | 196.47 |
| 56. | **Sound Vision Print Ltd** | Advert | 18/11/09 | 12592 | 105.63 |
| 57. | **W.S.C** | Public Garden- Triq is-Salvja | 6/11/09 | 11357376-1 | 112.43 |
| 58. | **W.S.C** | Public Garden – Triq is-Salvja | 6/11/09 | 11357375-3 | 101.51 |
| 59. | **W.S.C** | Fountain water pump in public | 6/11/09 | 11357418-1 | 404.70 |
| 60. | **W.S.C** | Public Toilet at Zonqor Point | 6/11/09 | 11356597-0 | 216.75 |
| 61. | **W.S.C** | Misrah Mifsud Bonnici | 6/11/09 | 11357318-5 | 433.31 |
| 62. | **Joseph P.Pavia** | Clean up Marsaskala 09 – Photos | 18/11/09 | | 20.00 |
| 63. | **Horizons** | 2 books and CD | 16/11/09 | 44 | 47.00 |
| 64. | **WasteServ Malta Ltd** | Landfill expenses | 23/11/09 | 52710 | 5078.27 |
| 65. | **Allied Newspaper** | Advert | 19/11/09 | ASI366724 | 103.37 |
| 66. | **Koperattiva Tabelli u Sinjali** | Traffic Signs | 02/11/09 | 12156 | 208.76 |
| 67. | **J&A General Operations Ltd** | M'skala Tiffany to half day tour | 22/11/09 | J412 | 64.90 |
| 68. | **Joseph Caruana** | Fuel Expenses | Oct&Nov | | 43.68 |
| 69. ◆ | **Karmig Ltd** | Re-construction of pavement – Triq Ghar ix-Xama' | 25/11/09 | 25100-01-27 | 1190.83 |
| 70. ◆ | **Karmig Ltd** | Re-construction of wall abutting ram and stairs – Triq iz-Zonqor | 25/11/09 | 25100-01-28 | 5688.42 |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |

2.3 Il-Kunsill unanimament approva li nkellmu lis-Sur Mario Barbara tal-Cleansing, biex jgħamel ix-xogħol fil-latrini li kien ftiehem mal-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri.

2.4 Il-Kunsillier, is-Sur Lawrence Ciantar qal li l-għotja mill-Kunsill ta' € 25 f'cards tal-mobile telephone kull xahar mhux qed iservuħ għax hu kuljum iċempel fuq xogħol tal-Kunsill speċjalment lill-ELC biex jgħatih xi xogħolijiet li huma neċessarji li jsiru.

Is-Segretarju Eżekuttiv qallu li wara Diċembru 2009 mhux se jibqgħu jingħataw l-*phone cards* skond l-emendi li saru fil-liġi tal-Kunsilli Lokali.

2.5 Ġie mistoqsi dwar il-kont Nru.29 li jammonta għal € 645.14 pagabbli lil *Mobisle Communications Ltd*. Is-Segretarju Ezekuttiv irrisponda li dan il-kont jinkludi l-ispiża tal-*mobile telephone line* tal-Kunsill u l-ispiża tal-*mobile telephone* tas-Sindku. Hu żied billi qal li l-ispiża tat-telephone tal-Kunsill hi ta' € 207 filwaqt li tas-Sindku hi € 438.

2.6 Sar qbil li nistaqsu lid-Dipartiment biex naraw jekk hux legali li nkomplu bil-kuntratt tat-telephone tas-Sindku u anke l-connection tal-internet tal-Vodafone.

2.7 Inġibdet l-attenzjoni dwar il-kont nru.2 fejn fil-laqgħa li għaddiet is-Sindku qal li l-kont ta' Chiara tħallas minn Mirage li krejna l-P.A.System minn għandu.

Peress li dan ma rriżultax meta ġie ċċekjat il-kont tal-Mirage, il-Kunsill approva li jitħallas il-kont ta' Chiara.

2.8 Il-Kunsill approva unanimament il-pagament tal-kontijiet t'hawn fuq.

**3.0** ***<u>Mozzjonijiet:</u>***

3.1 **<u>Mozzjoni mressqa mis-Sindku – is-Sur Mario Calleja – (#108-5/10/090):</u>**

*"Jipproponi sabiex jerġgħu jinżebgħu l-ittri tal-irħama komemorattiva ta` Smadely l-Ingliz li allegatament kielu shark fil-Bajja ta` San Tumas u li tinsab pjuttost taħt il-parkeġġ tal-Fajtata. Din dan l-aħħar issemmiet ukoll waqt programm fuq radju".*

Din il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

3.2 **<u>Mozzjoni mressqa mis-Sindku – is-Sur Mario Calleja- (#109-5/10/09):</u>**

*"Jipproponi sabiex titwaħħal mera (**temporanja**) fit-Triq in-Nadur faċċata ta' Villa Arcadia peress illi inħoloq boundary wall li ħareġ ħafna l-barra minħabba l-binja quddiem Palm Valley, Triq in-Nadur k/m Triq tal-Gardiel".*

*Is-Sur John Baptist Camilleri irimarka biex jerġa issir mal-kantuniera ta' Triq il-Gardiel ma Triq in-Nadur.*

Din il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

3.3 **<u>Mozzjoni mressqa mis-Sindku – is-Sur Mario Calleja-(#110A-6/10/09):</u>**

*"Jipproponi sabiex isir bus shelter fil-bus stop eżistenti fil-Pjazza Dun Tarċis Agius faċċata eżatt tas-Sala tal-kapillan."*

Din il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

3.4 **<u>Mozzjoni mressqa mill--Kunsillier –is-Sur Jesmond Mugliett-(#110B-6/10/09):</u>**

*"Jipproponi sabiex ma tintbgħat l-ebda korrispondenza fid-djar lir-residenti dwar il-ġbir tal-iskart u dwar l-indafa pubblika, mingħajr qabel ma nkun ġejt ikkonsultat u tkun għaddiet għandi, bħala responsabli mill-indafa pubblika.*"

Din il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

3.5 **<u>Mozzjoni mressqa mis-Sindku – is-Sur Mario Calleja-(#111-7/10/09):</u>**

*"Jipproponi sabiex jitranġaw il-ħofor li hemm fejn it-traffic lights quddiem Grabiel Restaurant u jingħata resurfacing ta' tarmak tajjeb."*

Din il-mozzjoni ġiet irtirata.

3.6 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sur Daniel Spiteri-(#112-9/10/09):</u>**

*"Jipproponi sabiex issir talba mal-Awtorita` tat-Trasport Pubbliku biex tibda topera linja diretta bejn Marsaskala u l-Universita` kull siegħa bħall ma jsir f'lokalitajiet oħra. Diġa jeżisti trasport dirett lejn l-Universita` f'dawn il-ħinijiet: 6.30am; 7.00am u 7.30am. Pero, biex jiġu lura lejn Marsaskala, l-istudenti jkollom jirkbu d-diretta lejn Zabbar u jistennew il-karozza ta' Marsaskala biex ikomplu l-vjaġġ magħha. Ta' min jgħid illi għat-traġitt minn Zabbar għal Marsaskala dawn l-istudenti jużaw il-biljett li jkunu qatgħu minn l-Universita`".*

Din il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliette qal li hu kien f'dan l-aħħar xhar ħadem ma l-ADT fuq dan.

3.7 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sur Daniel Spiteri- (#113-9/10/09):</u>**

*"Jipproponi sabiex ma jibqax permess li jitħallew trailers tad-dgħajjes fit-telgħa tal-Knisja, madwar il-ġnien, u quddiem is-sala parrokkjali (sa tal-ħaxix) fil-ħinijiet illi t-tfal ta' l-iskola jkunu deħlin u ħergin mill-iskola għax mhux qed ikun hemm fejn il-ġenituri jipparkjaw il-vetturi tagħhom sa kemm jgħaddu għal uliedhom".*

Din il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

3.8 Is-Sindku għadda biex iressaq mozzjoni 114 fejn is-Segretarju Eżekuttiv informa l-Kunsill li din il-mozzjoni ma tistax titressaq għax id-data tal-mozzjoni hija 13 t'Ottubru 2009 u din il-laqgħa bdiet fil-15 t'Ottubru 2009.

Il-Kunsill qabel unanimament li titressaq fil-laqgħa li jmiss.

**4.0 *<u>Risposta tal-ittra maniġerjali tal-Awditur</u>***

4.1 L-Accountant is-Sur Adrian Sciberras qara' l-ittra li hu kien ipprepara bħala risposta lill-management letter tal-Awditur.

4.2 L-Awditur kiteb li kienu ntefqu ħafna flus fuq riċevimenti u s-Sindku rrimarka li l-Kunsill kien rċieva ħafna sponsorship għall-attivitajiet li għamilna.

4.3 L-Awditur kien kiteb li hemm somma sostanzjali li għandha tingħata lill-Koperattiva tal-ġbir ta' l-iskart li għandha tinqata mill-kotba. Il-Viċi Sindku qal li dawn kienu kontijiet ta' xogħol li qatt ma kien sar mill-Koperattiva tal-ġbir tal-skart.

4.4 Il-Kunsill approva unanimament li tinqata mill-kotba din is-somma li fil-preżent qed tidher bħala debitu lill-Koperattiva.

4.5 Il-Kunsill approva l-ittra risposta għall-ittra maniġerjali tal-Awditur.

5.0 ***<u>Xogħolijiet Oħra</u>***

5.1 Il-Kunsillier, is-Sur Sandro Gatt ressaq il-proġett li qed jiġi organiżżat mid-Douzelage dwar il-klima. Ma kull erba' (4) żgħażagħ hu ntitolat li jitla *group leader*. Dan hu proġett iffinanzjat u teżisti rifużjoni ta' 70% filwaqt li 30% jitħalsu mill-parteċipanti.

Il-Kunsill approva li nipparteċipaw f'dan il-proġett u timtela l-applikazzjoni sal-15 ta' Diċembru 2009.

5.2 ***Sotto Kumitat tal-Isports***

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri ressaq il-lista tal-membri tas-Sotto Kumitat tal-isports. Dawn huma il-Kunsillier, is-Sur Daniel Spiteri flimkien mas-Sur Stephen Bell, is-Sur James Borg u s-Sur Albert Spiteri.

Il-Kunsillier, is-Sur Daniel Spiteri nforma l-Kunsill li diġa kien hemm laqgħa fis-Segretarjat tal-isports fejn kien hemm preżenti s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv u sar qbil li nitkellmu mas-Sindku ta' Bormla u s-Sur Nazzareno Vassallo ta' Vassallo Builders biex naraw il-possibilta' li nużaw il-*ground* li għandhom bejniethom.

5.3 Il-Kunsillier, is-Sur Jesmond Mugliett qal li l-kolletur tal-iskart jista' jżid is-servizz ta' nhar ta' Ħadd billi fix-xitwa jingħata l-istess servizz tas-sajf. L-ispiża hija ta' € 30 kull ġimgħa biex jingħata dan is-servizz.

5.4 Il-Kunsill approva li d-dawl tal-Milied jibda jixgħel fl-1 ta' Diċembru 2009.

Il-Kunsill qabel unanimament

5.5 Il-Kunsillier, is-Sur Lawrence Ciantar informa l-Kunsill li l-ELC bagħtu kont ta' € 5,900 ta' xi xogħolijiet li huma għamlu. Is-Sur Lawrence Ciantar qal li hu ipprotestah ma Dr.Cuschieri u oġġezjona li jitħallas għax ma hemmx detalji tax-xogħol li kien sar. Dr.Cuschieri irrisponda li hu għandu jkellem l-Accountant tal-ELC u wara jinforma lis-Sur Lawrence Ciantar.

**6.0** ***Korrispondenza***

6.1 ***Ittra mid-Dipartiment dwar Bulky Refuse (35/4557/09)(35/4558/09)***

Il-Head of Monitoring Unit tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, Ms.Gemma Debono kitbet żewġ ittri indirizzai waħda lis-Sindku u l-oħra lis-Segretarju Eżekuttiv fejn hija rreferiet għal-laqgħa li saret fl-24 ta' Settembru 2009 f'liema laqgħa ġiet aġġudikata s-sejħa għall-offerti għall-Bulky Refuse (KLM 2009/03).

6.2 Hija kitbet lis-Sindku dan li ġej:

Mill-minuti ma jirriżultax li l-kumitat tal-kuntratti u/jew il-Kunsill iddiskuta l-erba' offerti li ntefgħu. Id-deċiżjoni finali ttieħdet fuq rakkomandazzjoni tiegħek u l-Kunsill approva li l-offerta tiġi aġġudikata favur l-għola offerent. Permezz ta' din id-deċiżjoni, il-Kunsill aġixxa kontra deċiżjoni tiegħu stess tal-24 ta' Awissu 2009 fejn ġiet approvata mozzjoni tal-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar sabiex"……*kuntrattur ma jkollux aktar minn kuntratt wieħed fl-istess perjodu."* F'dan il-perjodu dan l-istess kuntrattur kellu l-kuntratti ta' *grass cutting, street sweeping u parks and gardens*. Dan apparti *extra work* li minn żmien għall-żmien il-Kunsill jagħti lill-istess kuntrattur.

Int mitlub tressaq il-kontenut ta' din l-ittra fl-ewwel laqgħa tal-Kunsill u tibgħat il-kummenti urġenti tiegħek dwar:-

1. x'hini r-raġuni li l-Kunsill aġixxa kontra d-deċiżjoni tiegħu stess ta' l-24 t'Awissu 2009; u
2. għala l-Kunsill ma kkunsidrax it-tlett offerti l-oħra kif kellu d-dover li jgħamel, u ħa d-deċiżjoni favur l-għola offerent, liema deċiżjoni ser tiswa lill-Kunsill żieda konsiderevoli fl-ispejjeż għal dan is-servizz".

6.3 Il-kontenut tal-ittra tas-Segretarju Eżekuttiv kienet din :

Qed issir referenza għall-laqgħa tal-Kunsill tal-24 ta’ Settembru 2009 f’liema laqgħa ġiet aġġudikata s-sejħa għall-offerti għall-Bulky Refuse (KLM 2009/03).

Mill-minuti ma jirriżultax li l-kumitat tal-Kuntratti u/jew l-Kunsill iddiskuta l-erba’ offerti li ntefgħu, iżda qagħad fuq rakkomandazzjoni tas-Sindku, u approva li l-offerta tiġi aġġudikata favur l-għola offerent. Jidher li f’dan il-perjodu dan l-istess kuntrattur kellu diġa tlett kuntratti oħra mal-Kunsill tiegħek, u cioe’ tal-*grass cutting ; street sweeping ; u parks and gardens*. Dan apparti xogħol *extra* li jidher li l-Kunsill tiegħek qiegħed jagħti lil dan l-istess kuntrattur minn żmien għal żmien.

B’din id-deċiżjoni l-Kunsill mar kontra kull deċiżjoni preċedenti tiegħu stess datata 24 t’Awissu 2009 fejn ġie deċiż li l-Kuntrattur ma jkollux aktar minn kuntratt wieħed fl-istess perjodu.

Int mitlub tressaq il-kontenut ta’ din l-ittra fl-ewwel laqgħa tal-Kunsill u tibgħat il-kummenti tiegħek.

6.4 *Ittra datata 27 ta’ Novembru 2009*

Is-Sindku nforma ‘l-Kunsill li r-risposta tiegħu kif bagħta l-lum hija din:

Nirreferi għall-ittra tiegħek datata 24 ta` Novembru 2009 fejn inti rreferejt għall-laqgħa tal- Kunsill tal-24 ta` Settembru 2009, f` liema laqgħa ġiet aġġudikata s-sejħa għall-offerti għall-Bulky Refuse (KLM 2009/03).

Għidt li fil-minuti ma` rriżultax li t-tenders l-oħra ma` ġewx ikkunsidrati. Nista ngħid li kienu kollha quddiemna u evalwajnihom kollha. Li ġara kien li jien għidt li kont tal-opinjoni li għalkemm il-prezz ta` Bezzina kien l-aktar wieħed għoli jien nippreferi li kieku t-tender tingħata lilu xorta. Dan għall-fatt li s-sub kuntrattur tiegħu qatt ma` naf li kellu xi problemi jew ilmenti u qatt ma` naf li l-Kunsill qatt irċevew xi ilment minn għand xi resident.

Jien għidt ukoll li l-irħis huwa għoli u kwotajt ukoll il-Prim Ministru fil-laqgħa li kellna miegħu f`Kastilja waqt laqgħa rigward ir-riformi fil-Kunsilli Lokali x`kien qal. Hu kien qal li dan il-vizzju li l-Kunsilli dejjem imorru għall-irħas tender irid jinqata. Nafu x`jiġri meta kuntratturi jaħdmu bix-xejn. Dan ġie ċċarat ukoll meta kellna dak il-kors fl-universita Ħal-Lija. Kien kwotaħ id-Direttur stess. Il-Kunsill tagħna għadu kemm għadda minnha. Taf f`Awwissu eżatt f`Santa Maria x`ġara? Il-kollettur tal-iskart waqaf ħesrem u kien ser joħloq epidemija. Kien għall-intervent f`waqtu li sibna ieħor u s`issa għadna fuq emerġenza.

Jien sempliċiment għaddejt l-opinjoni tiegħi u zgur li ma` imponejt fuq ħadd. Kien hemm qbil unanimu. Naħseb jien bħala Sindku u *Chairman* waqt laqgħa tal-Kunsill, għandi kull dritt nesprimi l-opinjoni tiegħi kif ukoll għandhom dritt jesprimu l-opinjoni tagħhom il-Kunsilliera.

Jien naqbel mija fil-mija mal-mozzjoni ta` Ciantar għax jien kont ilni neqred li ma` jistax ikun dan Bezzina għandu 4 tenders u qed jaħdem bl-istess nies. Dan ma` kienx qiegħed jagħmel xogħlu sewwa. Jien ma` mortx kontra l-mozzjoni għar-raġuni li kont naf li xogħol tal-*bulk refuse* ma` kienx qed jagħmlu Bezzina iżda sub kuntrattur allura Beżżina kien biss jidher on paper.

Fil-fatt dak inhar stess Beżżina ibbidja għall-tender oħra tal-*Parks and gardens* u barra li kien għoli ħafna xorta waħda kieku ma` kienx jeħodha hu u dan minn ħabba l fatt tal-mozzjoni ta` Ciantar.

Dawn huma l-fatti eżatt kif ġraw.

**6.5** ***Xiri ta' bandli għall-playing field ta' Triq il-Qaliet. (35/3641/09)***

Il-Kuntrattur M.Quip Co. Ltd. li ġie mogħoti l-inkarigu li jipprovdilna parti mill-bandli li se jitpoġġew fi Triq il-Qaliet talab lill-Kunsill biex issir laqgħa.

Is-Segretarju Eżekuttiv indika li konna diġa ħallasna € 6000 bħala pagament antiċipat u xi ftit mill-equipment qiegħed fil-bitħa u l-garaxx tal-Kunsill. Hu żied u qal ukoll li anke John G.Cassar kien talab pagament antiċipat għax hu diġa kien xtara l-equipment pero` l-Kunsill f'dan il-każ ma kienx approva dan.

Il-Kunsill approva li ssir kopja tal-kuntratti qabel ma jiltaqa' mal-Kuntratturi.

**7.0** ***Aġġornament***

Fid-9.30pm. il-laqgħa ġiet dikjarata magħluqa u aġġorna għat-Tlieta 15 ta' Diċembru, 2009, fis-6.30pm.

___________________

***Joseph Caruana***
Segretarju Eżekuttiv

_________________

***Mario Calleja***
Sindku